# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMĦALLEF
### ROBERT G. MANGION

**Illum 16 ta' Awissu 2018**

**Rikors Nru. 81/2018 RGM**

**L-Onorevoli Dottor Adrian Delia bhala Kap tal-Opposizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista**

**Vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur tad-9 ta' Awissu 2018 li permezz tieghu, filwaqt li ghamel referenza ghar-rikors kostituzzjonali minnu intavolat kostestwalment fl-ismijiet premessi, talab illi l-Qorti tordna li s-smigh tal-procedimenti jsir b'urgenza u bl-abbrevjazzjoni tat-termini.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-13 ta' Awissu 2018 li permezz taghha oppona ghal dan ir-rikors ghar-ragunijiet minnu hemm migjuba.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat.

Ir-rikors kostituzzjonali intavolat mill-attur jirrigwarda primarjament il-proviso tal-**Artikolu 518**[1] **tal-Kodici Kriminali** liema artikolu fl-intier tieghu jipprovdi kif gej:-

"L-atti u d-dokumenti tal-qorti ta' ġustizzja kriminali ma jistgħu jintwerew lil ħadd, lanqas ma jistgħu jingħataw kopji tagħhom, mingħajr permess speċjali tal-qorti, ħlief lill-Avukat Ġenerali, lill-partijiet fil-kawża jew lill-avukat jew prokuratur legali li jkun awtorizzat mill-istess partijiet; imma dawk l-atti kollha li jkunu nqraw fil-qorti bil-miftuħ, jista' jarahom kull min irid u jistgħu jingħataw kopji tagħhom, bil-ħlas tad-dritt soltu:

Iżda proċessi verbali u kull xiehda u dokumenti mdaħħlin magħhom għandhom jintwerew, u kopji tagħhom jingħataw, biss fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali u bil-ħlas ta' dawk id-drittijiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja skont l-artikolu 695."

Permezz tar-rikors kostituzzjonali de quo l-attur qed jitlob *inter alia* illi l-Qorti (i) tordna lill-konvenut sabiex, anke pendenti l-ezitu ta' din il-kawza, immedjetament jghaddi u jipprovdi lill-attur kopja shiha tar-rapport tal-Inkjesta Magisterjali li giet konkluza mill-Magistrat Dott. Aaron Bugeja rigwardanti l-kumpanija *Egrant Inc.* (ii) tiddikjara illi d-dettami tal-proviso tal-Artikolu 518 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta [il-Kodici Kriminali], ossia d-diskrezzjoni assoluta li jgawdi minnha l-konvenut Avukat Generali ai termini tal-istess Artikolu tal-ligi, u/jew l-applikazzjoni u t-thaddim tal-istess diskrezzjoni, ossia r-rifjut tal-konvenut Avukat Generali li jipprovdih b'access u/jew li jipprovdih b'kopja tal-atti kollha tal-Inkjesta Magisterjali dwar il-kumpanija Egrant Inc., u/jew in-nuqqas tieghu li jippubblika kopja taghom fl-intier taghhom, jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet sanciti fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u/jew fl-

[1] Intitolat "Min jista' jara l-atti u d-dokumenti tal-Qrati Kriminali"

Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni [Protezzjoni minn diskriminazzjoni minhabba razza ecc.]; (iii) tiddikjara illi d-dettami tal-proviso tal-Artikolu 518 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia d-diskrezzjoni assoluta li jgawdi minnha l-konvenut Avukat Generali ai termini tal-istess Artikolu tal-ligi u/jew l-applikazzjoni u t-thaddim tal-istess diskrezzjoni, ossia r-rifjut tal-konvenut Avukat Generali li jipprovdih b'access u/jew li jipprovdih b'kopja tal-atti kollha tal-Inkjesta Magisterjali dwar il-kumpanija Egrant Inc., u/jew in-nuqqas tieghu li jippubblika kopja taghom fl-intier taghhom jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet sanciti fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u/jew fl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni [Protezzjoni tal-liberta' ta' espressjoni]; (iv) tipprovdi lill-attur bir-rimedji opportuni sabiex jitqieghed f'qaghda li jwettaq id-dmirijiet u l-obbligi derivanti mill-kariga kostituzzjonali tieghu; (v) tordna lill-konvenut jippublika kopja tal-atti tal-Inkjesta Magisterjali dwar il-kumpanija Egant Inc. minghajr dewmien sabiex l-attur jitqieghed f'qaghda li jwettaq id-dmirijiet u l-obbligi derivanti mill-kariga kostituzzjonali minnu okkupata.

Essenzjalment, permezz tal-kawza odjerna l-attur jikkontendi illi d-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali permezz tal-proviso tal-Artikolu 518 tal-Kodici Kriminali u/jew id-diskrezzjoni adoperata mill-konvenut Avukat Generali fil-konfront tat-talba tal-attur ghall-kopja shiha tar-rapport tal-Inkjesta Magisterjali de quo jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet sanciti bil-Kostituzzjoni u qed izomm lill-attur fil-vesti tieghu ta' Kap ta' l-Opposizzjoni milli jaqdi d-doveri kostituzzjonali tieghu.

Dak li qed tipprovdi dwaru l-Qorti permezz tal-provvediment odjern huwa limitat dwar jekk il-mertu tar-rikors kostituzzjonali prezentat mill-attur ghandux jinstema b'urgenza.

Ikkkunsidrat;

Taqsima I intitolata "Il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati fi Kwistjonjiet Kostituzzjonali" li tinstab fil-Ligi Sussidjarja 12.09[2] tipprovdi dwar is-smiegh ta' rikors kostituzzjonali. Ai termini tal-Ligi Sussidjarja imsemmija rikorsi kostituzzjonali, bhala regola, huma presunti ta' natura urgenti u ghandhom jigu trattati bhala tali. Tant hu hekk illi Regola

[2] Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni

numru 4 tal-Ligi Sussidjarja 12.09 tipprovdi termini qosra ghall-finijiet tal-appuntament ghas-smigh ta' rikors kostituzzjonali u thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti it-terminu ghar-risposta li ghandu jinghata lill-intimat f'kawza kostituzzjonali. Inoltre Regola numru 6 tal-istess Ligi Sussidjarja tipprovdi illi una volta appuntat ghas-smiegh, is-smigh u d-disponiment tal-kaz ikun b'heffa.

Il-ligi ghalhekk gia' tipprovdi adegwatament dwar il-mod spedituz li bih bhala regola ghandu jigi mismugh rikors kostituzzjonali. Huwa biss meta l-Qorti tikkonsidra illi l-mertu ta' rikors kostituzzjonali ma hux ta' natura urgenti illi l-ligi tipprovdi li t-terminu ghar-risposta ghandu tassattivament jkun ta' ghoxrin gurnata [ara Proviso ta' Regola numru 4 (1)]. Inoltre permezz ta' Regola numru 8 tal-istess Ligi Sussidjarja huwa provdut illi l-Qorti tista' taghzel li ma tappuntax rikors kostituzzjonali ghas-smigh, bejn is-16 ta' Lulju u l-15 ta' Settembru ta' kull sena jekk, fl-opinjoni tal-Qorti, dawn il-procedimenti "min-natura taghhom stess m'ghandhomx ghalfejn jigu ttrattati b'xi ghaggla partikolari u hadd mill-partijiet mhu ser isofri pregudizzju jekk is-smigh isir wara l-15 ta' Settembru."

Ikkunsidrat;

Irrispettivament jekk il-lanjanzi u t-talbiet tal-attur fir-rikors kostituzzzjonali humiex fondati jew le, il-fatt li l-attur, fil-vesti tieghu ta' Kap ta' l-Opposizzjoni, kariga kostituzzjonali stabbilita bl-Artikolu 90 tal-Kostituzzjoni, qed jitlob *inter alia* li l-Qorti tiddikjara illi n-nuqqas minnu allegat fil-konfront tal-konvenut qed izommu milli jwettaq id-dmirijiet u l-obbligi tieghu derivanti mill-kariga kostituzzjonali tieghu, il-Qorti ma tarax li tista' serenament tasal ghall-konkluzzjoni illi "l-kwisjtoni msemmija fir-rikors [kostituzzjonali] mhijiex ta' natura urgenti"[3] jew li "il-procedimenti min-natura taghhom stess m'ghandhomx ghalfejn jigu ttrattati b'xi ghaggla partikolari"[4].

Il-konvenut Avukat Generali fir-risposta tieghu jissottometti fost l-ohrajn illi l-kwistjonijiet imqanqla f'din il-kawza huma godda ghas-sistema legali nostrana. Jissottometti wkoll illi n-novelta' u l-potenzjali komplessita' ta' kaz jimmilita kontra s-smiegh bl-urgenza. Il-Qorti, filwaqt li tapprezza tali sottomissjoni, hija tal-fehma illi

[3] Proviso ta' Regola 4 (1)
[4] Regola 8

s-smiegh ta' rikors kostituzzjonali bl-urgenza, anke jekk ikkaratterizzat min-novelta' u potenzjali komplessita' legali, ma jfissirx illi l-mertu jigi trattat b'mod superficjali jew legger. Smigh ta' rikors kostituzzjonali b'urgenza lanqas ifisser illi l-approfondiment necessarju f'kumplessita legali jigi skartat u mwarrab u minflok jigi trattat b'mod superficjali u legger semplicement ghaliex il-mertu ta' rikors kostituzzjonali ma jikwalifikax bhala "mhux ta' natura urgenti" Il-Qorti ser tassigura illi l-mertu tar-rikors kostituzzjonali de quo jigi trattat b'mod approfondit kif inhu xieraq.

Appena huwa necessarju jigi sottolineat illi l-akkoljiment ta' talba sabiex rikors kostituzzjonali jigi mismugh b'urgenza ma hu bl-ebda mod motivat dwar jekk rikors kostituzzjonali huwiex *prima facie* fondat jew le.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mir-rikors tal-attur tad-9 ta' Awissu 2018 billi tipprovdi kif gej:-

1. Tiddikjara illi l-mertu tar-rikors kostituzzjonali intavolat mill-attur jimmerita li jigi trattat b'urgenza.

2. Tordna li kopja tar-rikors kostituzzjonali jigi notifikat lill-konvenut Avukat Generali bi zmien ta' ghaxart ijiem utili ghar-risposta.

3. Tappunta r-rikors kostituzzjonali ghas-smigh ghal nhar it-Tnejn 3 ta' Settembru 2018 fl-10.00am

**Moghti kameralment illum 16 ta' Awissu 2018.**

**Imhallef**